MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2006

Talba Numru. 1674/2005

**Martin Chetcuti**
**vs**
**Carmelo sive Charles Abela**

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) bilanc ta' somma akbar dovuta ghal tiswija fuq vettura tal-konvenut b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha qal li l-ebda ammont ma hu dovut.

Ra li f'l-udjenza mizmuma f'l-4 ta' Mejju 2006 l-konvenut eccepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra d-dokumenti esebieti.

Sema x-xhieda ta’ Martin Chetcuti, Joseph Bugeja u Charles Abela.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Jirrizulta mhux kontestat li l-attur ghamel xogholijiet fil-vettura tal-konvenut u l-ahhar xogholijiet saru ghall-habta tas-sena 1998. Jirrizulta wkoll li l-konvenut hallas xi ammont u li meta ghamel dan il-hlas huwa ta *gearbox* lill-attur biex taghmel tajjeb ghall-imghaxx li seta akkumula fuq l-ammont dovut minnu (cioe l-konvenut). Hemm qbil ukoll li din il-*gearbox* kienet tiswa xi tmenin/disghin lira maltija.

Il-partijiet mhumiex qed jaqblu la fuq l-ammont imhallas mill-konvenut u lanqas meta sar dan il-hlas. Fil-waqt li l-attur jghid li l-hlas sar f’Novembru 2004 u kien f’l-ammont ta’ Lm138 biex hekk baqa bilanc dovut ta’ Lm200 peress li bil-*gearbox* gie pacut l-imghaxx; il-konvenut min-naha l-ohra jghid li huwa hallas xi Lm200 u l-*gearbox* (din bi tpacija ta’ l-imghaxx). Il-konvenut jikkonferma li, filwaqt li fil-fehma tieghu hu kien hallas kollox, l-attur kien qed jippretendi li kien ghad hemm bilanc dovut. Skond il-konvenut il-hlas da parti tieghu sar ghall-habta tas-sena 2003.

Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi li l-azzjonijiet ta’ hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada…… u persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta’ l-opri jew tax-xogholijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu huma preskritti b’gheluq ta’ tmintax il-xahar.

Huwa pacifiku li dan l-artikolu ma japplikax ghal *coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opera da loro eseguite e per materiali da loro forniti ai quali*

*crediti e applicabile la presrizione stabbilita nell'articolo* ….(ref Pace vs Muscat Vol XXVIII.i.1013). Principju dan konfermat kostantement (ref Mizzi vs Delicata Vol XXXVIII.iii.710; u Benny Camilleri vs Ian Schembri 16.12.2002 Appell Inferjuri).

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li l-attur huwa imprenditur li jaghti x-xoghol tieghu ghalhekk l-artikolu 2148(a) mhux dik applikabbli. In oltre t-Tribunal ma jistax iqajjem eccezzjoni ta' preskrizzjoni hu u lanqas ma jista jikkunsidra ebda preskrizzjoni hlif dik specifikament eccepieta (ref Victor Muscat vs Edgar Tabone, Appell Civili, 18.02.1963; Benny Camilleri vs Ian Schmebri op.cit).

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.

Dwar il-mertu u x'ammonti thallsu t-Tribunal huwa tal-fehma li l-versjoni mghotija mill-attur hija aktar verosimili u konsegwentement l-ammont pretiz jidher gustifikat.

Ghaldawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) b'l-imghaxx mill-llum u b'l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------